# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 20

19 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 12.31pm.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Frances Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Franco Bajada - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 20

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 19;
20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
20.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
20.6 Attivitajiet
20.7 Approvazzjoni tal- Performance Bonuses;
20.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
20.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
20.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 19

20.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.19 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

20.3.1 Is-sindku beda l-komunikazzjoni tiegħu billi qal, li b'sodisfazzjon kbir, saret l-ewwel kisja tarmak fi Triq Xamgħan u Triq Dun Lazzru Camilleri, bir-residenti kuntenti li fl-aħħar din it-triq ġiet asfaltata. Baqa' xi xogħol xi jsir, speċjalment xi bankini li nkissru, biex issa mportanti li jsir it-talba biex jiġu rranġati permezz tas-sistema tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Issa xħin iħallu ftit ta' żmien biex joqgħod it-tarmac u jaraw hemmx xi dizlivell, movimenti etċ, tingħata finalment it-tieni kisja finali.

20.3.2 Fi Triq Xamgħan u f'toroq oħra ġodda, is-sindku sostna, li hemm bzonn li jsiru bozoz ġodda ta' dawl artifiċjali. Il-kunsill qed ikun qed jitlob allokazzjoni finanzjarja addizzjonali biex dawn il-bozoz tant bzonnjuza jsiru, peress li l-kunsill m'għandux il-fondi neċessarji biex dawn ikunu jistgħu jsiru. Is-sindku stqar, li fir-raħal ta' Sannat, hemm bżonn ta' mill-inqas għoxrin (20) bozza li jridu jsiru. Il-proċedura hija waħda elaborata, fejn wieħed irid iħejji rapport ta' inġinier, hemm ukoll forma ta' kunsens li jridu jiffirmaw is-sidien, jekk il-bozza se titwaħħal mal-faċċata tad-dar tagħhom etċ. Il-kunsilliera Galea saqsiet, jekk hux possibli li fi Triq Xamgħan peress li għadhom iridu jsiru xi bankini, isir *culvert* biex il-wires tad-dawl jgħaddu minn taħt it-triq. Is-sindku qal, li ċertu individwi kellhom obbligu fil-permess biex jagħmlu *service culvert* taħt l-art, però, mhux kollha kellhom din il-kundizzjoni. Il-kunsill ma jistax jagħmel spejjez tiegħu *service culvert* quddiem residenzi privati, imma iridu jiftehmu s-sidien ta' l-appartamenti bejniethom biex isir spejjeż tagħhom. Il-viċi sindku staqsa, jekk il-lampi li hemm fil-pjazza, humiex responsabiltà tar-reġjun, bis-sindku jwieġeb li dawn jaqgħu taħt il-kunsill. Il-kunsilliera Cassar Sultana, qalet li hemm xi bozza maħruqa, u ġiet mitluba biex iġib in-numru ta' taħt biex tiġi rrapurtata.

20.3.3 Is-sindku semma, li issa hemm app (GRAS) tar-reġjun t'Għawdex, fejn wieħed jista' jirraporta fuq xi borża taż-żibel li ma ngabritx, borża li ħarġet mhux fil-ġurnata li suppost

tinġabar, xi bozza mhiex tixgħel etċ. L-individwu jrid jieħu ritratt, jikteb l-indirizz u jibgħat dan ir-rapport permezz ta' din l-applikazzjoni f'dik il-ġurnata biex tittieħed azzjoni.

20.3.4 In-naħa ta' wara ta' Triq Xamgħan, peress li hemm il-garaxxijiet u qed jipparkjaw xi karozzi faċċata, jridu jsiru mill-aktar fis possibli *double yellow lines*. Il-viċi sindku qal, li sakemm isiru, jagħmlu xi tabelli biex ma jipparkjawx.

20.3.5 Rigward il-konsultazzjoni mal-pubbliku marbuta mat-*traffic management* propost, il-kunsillieri qed jissuġġerixxi li f'nofs Jannar (15 ta' Jannar) isir l-ewwel laqgħa mar-residenti fis-sala ta' l-iskola. Se jkunu mistiedna ukoll uffiċjali ta' *Transport Malta*. Il-kunsill ser jagħmel avviż fuq il-paġna soċjali biex iħeġġeġ lin-nies jipparteċipaw. Il-laqgħa ser isir filgħaxija u ser ikun hemm iktar minn opportunità waħda li wieħed jista' jattendi. Importanti, li t-*traffic management plan* jittella' fuq il-*website* tal-kunsill u jagħtu numru ta' ġranet biex ikun hemm *feedba*ck minn naħa tar-residenti, qabel ma jiġi sottomess dan il-pjan finali lil *Transport Malta*. Is-sindku kkonferma, li dan it-*Traffic management plan* kien diġa' diskuss ma' *Transport Malta* fejn anki ġew fuq il-post, u qablu ħafna mal-parti kbira tal-proposti. L-uniku *issue* li jista' jkun hemm, hija marbuta mat-*traffic flow* li jkun nieżel minn Triq Xabbata lejn il-Pjazzetta Tax-Xelina, fejn jista' jkun hemm xi tip ta' gridlock. Soluzzjoni possibli hija li dik it-triq żgħira fejn joqgħod l-arċipriet il-qadim, ma tibqax *one-way* titla' biss, imma tiġi bil-kontra, tinżel l-isfel u hekk titaffa' ħafna mit-traffic ta' Pjazetta Tax-Xelina. Importanti, li jekk din isir, isiru *double yellow lines* u jsir forma ta' *roundabout* bil-giveway. Is-sindku kompla jgħid li ntogħġbot ħafna, l-*one way* fi Triq ta' Ċenċ u l-oħra fi Triq Dun Xand Aquilina, però, wieħed jirrimarka l-problema li hemm ta' l-*over speeding*. Il-kunsilliera qablu li xi ħaġa triq isir, f'dawn it-triqat biex jitnaqqas l-abbuż ta' l-*overspeeding* f'dawn it-toroq. Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet ukoll li qed isiru xi inċidenti fi Triq Paranji, fejn ġie maqbul mal-kunsillieri li jridu jsiru *double yellow lines* biex ma jsirx *parking* fuq żewġ naħat u anki jistgħu jitwaħħlu xi mirja. Il-kunsillier Bajada staqsa, jekk jistgħux isiru xi *rumble strips*, fi Triq Dun Xand Aquilina,però,skond is-sindku, irid ikun hemm l-approvazzjoni tar-residenti ta' dawk in-naħat, peress li jikkawżaw ċertu inkonvenjent ta' ħsejjes, speċjalment bil-lejl. Barra minn hekk, il-kunsill talab lill-pulizija biex ikun hemm iktar osservazzjoni tar-regoli tat-traffiku, b'mod partikulari fil-qalba tar-raħal.

## 20.4 Mistoqsijiet mill-kunsillieri

20.4.1 Il-viċi sindku staqsa, jekk hux possibli li meta jkun hemm attività fil-pjazza Santa Margerita, ix-xarabank tat-Trasport Pubbliku tkun tista' tinżel minn Triq Dun Xand Aquilina. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-pubbliku jkun infurmat li x-xarabank ma' tkunx se tgħaddi u anki jitwaħħlu *notices* mal-*bus stops* minn xi tliet ijiem qabel. Is-sindku rrimarka, li skond it-*traffic management* ġdid propost, ir-rotta tax-xarabank ser tinbidel, fejn ser tkun tista' tgħaddi mit-Triq Tempju ta' L-Imramma, li meta tkun lesta bit-tarmak tkun tista' tintuża, u hekk tkun ġiet solvuta problema kbira. Is-sindku qal, li qed tinħadem rotta tax-xarabank, kif kien issuġġeriet waqt waħda mill-laqgħat tal-kunsill, fejn titlaq xarabank mir-Rabat għal Ta' Sannat, tibqa' sejra lejn il-Munxar, u tinżel lejn ix-Xlendi u tmur lura r-Rabat. Konsegwentement, se jkun hemm xarabank li titlaq mir-Rabat, tinżel ix-Xlendi, titla' l-

Munxar, tibqa' sejra lejn Ta' Sannat u tmur lura lejn ir-Rabat. Il-kunsilliera qablu li dan ser ikun servizz addizzjonali għall-pubbliku.

20.4.2 Is-sindku semma li hemm kwistjoni fuq ic-*charging pillar* fi Triq il-Kbira kif ukoll fi Triq 28 t'April. Ic *charging pillar* fi Triq il-Kbira saret quddiem dar, fejn is-sid, xtrat din id-dar riċenti, wara li diġa kien hemm qbil fejn ser isiru dawn l-imsemmija *charging pillars* fir-raħal ta' Sannat. Għalhekk, kif propost dan ic-*charging pillar* ġiet eżatt quddiem il-bieb tar-residenza tiegħu, barra li għandu wkoll il-*blue badge*. Ta' min isemmi li r-REWZ, kienu ġabu l-permessi neċessarji mingħand it-*Transport Malta* u l-awtorità ta' l-Ippjanar. IL-viċi sindku staqsa fuq *charging pillar* fejn il-kunsill kif kien hemm qabel, però, is-sindku kkonferma li bil-linji gwida l-ġodda ma tistax isir hemm peress li trid toħroġ biċċa l-barra, u kien hemm il-proġett ta' *Sannat Road* u anki hija problema minħabba t-tiġrijiet taż-żwiemel. Il-kunsill issa qed jipproponi li jsir fi Triq Marziena. Is-sindku kkonferma, li ser jagħmel it-talba biex fejn jistgħu dawn iż-żewġ *charging pillars* jiġu mħarrka bi ftit metri biex ma jkunux ta' inkonvenjent.

20.4.3 Il-kunsillier Bajada staqsa fuq iż-*zebra crossing*. Is-sindku qal, li din ser tinżebaħ fil-jiem li ġejjin. Il-kunsill qed jistenna li jsiru s-sensors fil-pjazza u jsir il-ħġieġ kif propost taħt iz-zuntier. Il-kunsilliera Bajada semma' ukoll li għandha titwaħħal it-tabella tad-*disabled* fejn l-istatwi l-qodma fil-pjazza. Staqsa wkoll x'jista' jsir riqward it-tabelli tal-*one ways* li jridu jitniżżlu l-isfel fejn iz-zuntier biex ma jibqgħux neżlin l-isfel biex jiġi evitat inċidenti. Is-sindku qal, li barra li jistgħu jinqelgħu u jitwaħħlu aktar l-isfel, xi ħaġa oħra li jistgħu jagħmlu hu li jpoġġu notifika fuq il-paġna soċjali tal-kunsill.

20.4.4 Il-kunsilliera Cassar Sultana staqsiet fuq ir-restawr tal-kalkara tal-Ġir. Is-sindku kkonferma flimkien mas-segretarju eżekuttiv, li l-bieraħ stess, ċemplu lill-kuntrattur, fejn minn naħa tiegħu qal li għamel *sub contracting* lil xi ħadd. Dan il-kuntrattur ġab il-ġebel, però beda x-xogħol imma apparentement ma' tkompliex. Is-sindku fakkar li l-kuntrattur li ħa it-*tender*, kien daħal il-garanzija kollha meħtieġa, u xi ħaġa oħra kienet li kien hemm offerent wieħed.

20.4.5 Is-sindku saħaq li-attività tal-Milied kienet suċċess, però, is-sena pruvaw xi ħaġa ġdida li forsi offriet inkonvenjent għal ċertu nies. Għal l-ewwel darba, din is-sena, saret il-*parade* li ħolqot problemi ta' flow ta' traffiku minn Triq Cocco Palmieri u Triq 28 t'April, speċjalment karozzi li kienu pparkjati u ma setgħux joħorġu. Is-sindku qal, li qed jissuġerixxi, li għas-sena d-dieħla, l-*parade* tibda minn Triq Cocco Palmieri sal-pjazza Santa Margerita u hekk jiġi evitat li jkun hemm *gridlock* ta' traffiku. Minbarra hekk, tkun tista' titgawda iktar mill-pubbliku, u għaldaqstant Triq Cocco Palmieri tiżżejjen bit-tiżjin tal-Milied. Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li jkellmu lill-għaqda ta' l-armar biex jagħmlu dekorazzjonijiet tal-Milied. Is-sindku reġa' saħaq, li l-għaqda ta' l-armar m'għandhiex biex jagħmilhom. Il-viċi sindku staqsa jekk il-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex jagħmlux xi stilel li jkunu jistgħu jitwaħħlu fejn il-każini, liema talba trid tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet.

20.4.6 Il-kunsillier Bajada staqsa jekk f'dawn l-avvenimenti li jsiru fil-pjazza jistgħux iħallu kareġġjata ta' Triq Dun Xand Aquilina miftuħa. Is-sindku saħaq, li bl-ebda mod ma tista' titħalla miftuħa biex jiġi evitat xi inċident.

20.4.7 Il-kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet jekk hix ideja tajba li jagħmlu *picnic tables* li jkunu tal-kunsill u li forsi jsiru mid-dipartiment tax-xogħlijiet. Is-sindku rrimarka, li mgħandiex tkun *issue* biex isiru dawn il-*picnic tables*, però, hemm il-problema ta' fejn dawn se jiġu miġbura. Il-garaxx tal-kunsill huma mimli daqs bajda u huwa mpossibli li joqogħdu. Fil-fatt, is-sindku diġa tkellem mas-segretarju eżekuttiv biex iġibu skip u jarmu affarijiet li mhemmx bzonn. Il-possibiltà oħra li hemm fil-futur biex il-kunsill ikollu aktar spazju, huwa li jibnu sular ieħor fuq il-bini eżistenti tal-kunsill, u hekk ikun jista' ikabbar l-garaxx biex hekk ikun hemm aktar spazju. F'dan il-każ, iridu jkellmu il-perit biex jagħmel pjanta tal-bini u jara l-istruttura tiflaħx għal-sular addizzjonali, u jimxu minn hemm.

20.4.8 Is-sindku ħabbar li bħala kunsill rċevew konferma li ġew approvati l-fondi mid-dipartiment tal-kunsilli lokali, marbuta mal-proġett tal-*belvedere* ta' Triq 28 t'April. Ovvjament, il-kunsill qiegħed f'diskussjonijiet ma' *Project Green* ukoll fuq dan il-proġett, peress li l-allokazzjoni finanzjarja li rnexxilu jakkwista l-kunsill mid-dipartiment ma tkoprix il-proġett kollu.

20.4.9 Il-kunsillier Bajada staqsa fuq il-kameras tas-sigurta. Is-sindku wieġeb, li l-kunsill irid jagħmel rapport biex jitlob għal estensjoni, wara li *procurement officer* li kienu jaħdmu bih il-kunsill m'għadux jaħdem. Għalhekk, il-kunsill qiegħed f'diskussjoni ma' *procurement officer* ieħor, però, l-istima hija aktar għolja u f'dan il-każ ha jfittxu *procurement officer* ieħor li forsi jieħu inqas flus. Is-sindku huwa kunfidenti li finalment dawn il-kameras tas-sigurtà jitwaħħlu.

20.4.10 Il-kunsillier Bajada ressaq ilment li hemm xi boroż fi Triq it-Tempju ta' l-Imramma. Is-sindku qal li ser iġibu skip, għax hemm ukollxi skart ieħor fi Triq Paranji, biex ikun jista' jitneħħa wkoll. Is-sindku saħaq li din għandha tkun ta' darba, għax inkells ser jagħtu l-impressjoni li l-kunsill irid inaddaf wara l-ħmieġ li jħalli ħaddieħor.

20.4.11 Il-kunsilliera Cassar Sultana semmiet li hemm xi bankini fi Triq Paranji li għandhom bżonn jitranġaw, wara li l-kuntrattur daħħal is-servizzi u qatgħu l-bankini. Hemm l-istess sitwazzjoni fi Triq Xamgħan. Is-sindku qal, li huwa mportanti, li meta ser ikun hemm xogħol relatat ma' servizzi fit-toroq, il-korporazzjoni tingħata l-approvazzjoni biex jiddaħħlu s-servizzi, bil-kundizzjoni li l-korporazzjoni jridu joħorgu *item* lill-kuntrattur biex jirranġaw il-bankini.

## 20.5 Komunikazzjoni mis-segretarju eżekuttiv

20.5.1 Is-segretrarju eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera li bagħtitilhom ċirkulari u imejls li huma ta' interess għall-kunsilliera.

20.5.2 Fit-tletin (30) ta' Diċembru ser jkun hemm il-laqgħa tal-reġjun t'Għawdex, bil-viċi sindku ser jattendi f'isem il-kunsill ta' Sannat.

## 20.6 Attivitajiet

20.6.1 L-attività li jmiss hija marbuta mal-karnival, fejn ser issir serata fir-raħal eżattament fid-disgħa (9) ta' Frar. Is-sindku nforma lill-kunsillieri li diġa hemm numru sabiħ ta' parteċipanti nterassati li jieħdu sehem.

20.6.2 It-tema tal-*paegent* tal-Ġimgħa l-Kbira se tkun 'Waslet is-Siegħa', liema dramm ser jittella' fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu. Id-direttur tad-dramm is-Sur Sunny Scicluna, wera x-xewqa li jkun hemm effetti tad-dwal, bis-sindku jikkonferma li din is-sena jaħbat sewwa għax ma tkunx inqalbet is-siegħa ta' l-arloġġ. Il-viċi sindku rrimarka li l-affarijiet li jinqalgħu bħal mera u tabella, jerġgħu jitwaħħlu f'posthom mingħajr dewmien, Il-viċi sindku ressaq suġġeriment ukoll jistgħux jitneħħew dawk it-tlett arbli, bis-sindku jgħid li l-ħsieb hu li jsir *service culvert*, biex il-*cables* jitniżżlu taħt l-art, però, għadhom iridu jsibu l-fondi meħtieġa.

20.6.3 Is-sena l-oħra fuq suġġeriemnt tal-kunsilliera Cassar Sultana kien hemm proposta li jsir *spring fair*, però, għal ċertu raġunijiet din l-attività ma nżammitx. Is-sindku semma ukoll, li ċertu nies xtaqu li jerġa jsir *Easter market* u għalhekk hemm propost li jsir *Easter Market with other activities*.

20.6.4 Fil-laqgħa tal-kunsill li se jsir F'Jannar ser jiddiskuti fuq avvenimenti u attivitajiet oħra fosthom Jum Sannat u l-Wine festival.

## 20.7 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*

20.7.1 Il-kunsilliera qablu li jingħata l-*performace bonus* lill-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme*. Is-sindku saħaq, li huwa personalment jemmen li ċertu ħaddiema jistgħu jagħmlu aktar *effort* u ħa jagħmilha ċara mal-ħaddiema, li s-sena d-dieħla, jekk mhux ser juru aktar impenn, ċertu ħaddiema mhux se jingħataw il-*performance bonus*. Is-segretarju eżekuttiv qalet, li l-ammont totali ta' dan il-bonus jammonta għal madwar disgħa t'elef ewro (€9,000) bil-VAT tinġabar mingħand id-dipartiment. Is-sindku qal, li hemm ħaddiema li jridu jiġu jaħdmu mal-kunsill ta' Sannat, però, biex ikunu jistgħu jiġu trasferiti jridu *replacement* tagħhom u hekk dawn il-ħaddiema li mhux se jagħtu iktar impenn, jinbidlu magħhom.

## 20.8 Ilmenti u suġġerimenti

20.8.1 B’ referenza għall-ilment 127/2025, resident qed jitlob li ssir ir-rampa bil-konkos tal-għalqa tiegħu li tinsab fi Sqaq ta’ Minku fi Triq Xagħman. Il-kunsilliera qablu li jekk mhiex art privata, din ir-rampa ssir.

20.8.2 B’ referenza għall-ilment 128/2025, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira qed titlob li jsir *keep clear bay* quddiem ir-residenza tagħha dan peress li qed jipparkjaw il-karozzi quddiem ir-residenza tagħha u qed issibha diffiċli biex tidħol u toħroġ mir-residenza tagħha peress li għandha bankina għolja. Il-kunsill ser jibgħat imejl lil *Transport Malta* u jimxu minn hemm.

20.8.3 B’referenza għall-ilment 129/2025, resident li joqgħod fi Triq Paranji ilmenta li xi ħadd waddab xkejjer b’materjal tal-bini fuq il-bankina. Il-kunsill ser jibgħat il-ħaddiema biex inaddfu u kif isemma f’din il-laqgħa, il-kunsill ser iġib skip biex dawn jinġabru u jintremew.

20.8.4 B’ referenza għall-ilment 130/2025, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira qed jitlob li jitneħħa l-*electrical vehicle charging pillar* li ġie installat eżatt quddiem l-bieb tar-residenza tiegħu. Huwa qal li huwa għandu *disabled blue badge* u għandu bżonn li jkollu aċċess għar-residenza tiegħu. Huwa qal li għadu kif xtara din il-propjetà u qed jippjana li jibdew ix-xogħolijiet fiż-żmien li ġej. Huwa ssuġġerixxa li dawn ssiru f’postijiet pubbliċi u mhux quddiem ir-residenzi privati. Il-kunsill ser jara hux possibli li titmexxa ftit lejn ix-xellug.

20.8.5 B’ referenza għall-ilment 131/2025, residenta li toqgħod fi Triq Dun Xand Aquilina ilmentat li quddiem ir-residenza tagħha hemm ħafna xfar li huma perikolużi ħafna u qed jaqgħu ħafna nies. Is-sindku qal li jridu jiddiskutu jew il-bankini ta’ din it-triq jinqalgħu u jerġgħu isiru bil-porfida stess, peress li issa għadda ftit żmien li dawn ġew irranġati. Dan l-ilment ġie diskuss waqt din il-laqgħa.

20.8.6 B’ referenza għall-ilment 132/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* MGOZ rigward bankina mkissra u patching fi Triq ix-Xabbata. Is-sindku qal li fi Triq Xabbata huwa proġett tal-korporazzjoni ta’ l-ilma, triq titqaxxar u tingħata t-tarmak. Il-kunsillier Bajada semma ukoll li inqalgħet il-mera, bis-sindku jikkonferma li din inqalgħet mill-kuntrattur, u qed jissuġerixxi li jsiru żewġ mirjiet zgħar mal-koxxa tal-bieb.

20.8.7 B’referenza għall-ilment 133/2025, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* MGOZ rigward *patching* fi Triq Marsilja.

20.8.8 B’referenza għall-ilment 134/2025, residenta li toqgħod fi Triq ix-Xabbata qed tilmenta rigward żrar u ramel li hemm quddiem ir-residenza tagħha. Dan wara li tqaxxret biċċa minm din it-triq. Din ir-residenta talbet li tiġi rranġata l-bankina tar-residenza tagħha u dan peress li din tkissret waqt ix-xogħolijiet.

20.8.9 13.41 il-kunsilliera Cassar Sultana tidħol lura għal-laqgħa

20.8.10 Is-sindku qal, li hemm bżonn isir manutenzjoni tal-pjazzetta tax-Xelina. Il-kunsill talab kwotazzjoni mingħand kuntratturi biex jagħtu stima tax-xogħlijiet, bis-sindku jgħid li bħala madum baqa' *available*. Ta' min isemmi, li wieħed jista' jikkonferma x-xogħol tajjeb li sar, speċjalment l-ammont ta' trakkijiet li jgħaddu minnha. Il-problema li hemm hi speċifikament fejn il-kantuniera fejn kien hemm *Louis Bar* għax bil-vetturi kbar iridu jitkaxxkru biex jiksru l-kantuniera. Il-kunsillier Bajada ssuġerixxa li kif ikun qed isuru xogħlijiet, jirrestawraw is-*switch* ta' fejn minn fejn inxtegħel l-ewwel darba d-dawl fir-raħal ta' Sannat u jingħalaq b'*perspex*. Il-kunsilliera Galea kkonfermat li ġabet id-dati eżatti mingħand l-istoriku Fr Bezzina, u ġie suġġeriet li ssir plakka kommemorattiva, biex ifakkar dan l-avveniment tant importanti fir-raħal.

## 20.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 12 /2025

20.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet l-iskeda ta' pagamenti Nru. 12/2025 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-kunsilliera Galea. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-*Internet Banking*. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-kunsilliera Galea u ssekondata mill-kunsillier Franco Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma' dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-2.52pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal il-Ħamis ħmistax (15) ta' Jannar fl-4.00pm. Wara il-laqgħa ser ikun hemm il-konsultazzjoni pubblika dwar it-*traffic management* ġdid.

Konfermati, illum 15 ta' Jannar 2026

| | |
|---|---|
| **Iffirmata** | **Iffirmata** |
| Philip Vella | Jeanette Grima |
| Sindku | Segretarju eżekuttiv |